

# L-Integrazzjoni tas-Sillabu tal-Malti għall-Iskejjel Primarji ma' żjarat ambjentali organizzati minn BirdLife Malta u Dinja Waħda, il-programm ta' Edukazzjoni Ambjentali

Rapport imħejji minn
Jason Aloisio (Field-teacher - BirdLife Malta)

BirdLife
MALTA

# It-Tielet Sena

## ŻJARAT F'RISERVI NATURALI U NĦAWI TA' VALUR EKOLOĠIKU

### 3.1 Smigħ

**3.1.1 Jisimgħu b'attenzjoni testi qosra li jkun fihom aktar minn aspett wieħed ta' tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet.**

-smigħ tal-introduzzjoni ġenerali li ssir fil-bidu ta' kull żjara
-isiru mistoqsijiet diretti mill-field-teacher dwar dak li jiġi spjegat waqt iż-żjara

**3.3.1 Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem.**

- jisimgħu struzzjonijiet dwar kif jużaw it-tromba u l-lenti (fi gruppi żgħar)
- jisimgħu struzzjonijiet qabel ma jieħdu sehem f'logħob ambjentali



*B'lenti f'idejhom, it-tfal jiskopru dinja ġdida ta' ħlejjaq żgħar fl-ambjent naturali tagħhom*

# It-Tielet Sena

## 3.2 Taħdit

**3.2.1 Jagħmlu użu minn dak li jkunu semgħu f'taħdit quddiem udjenza/i.**

- issir attività wara ż-żjara fil-klassi jew waqt l-assembly li fiha t-tfal jispjegaw l-esperjenza tagħhom tul iż-żjara (ritratti meħuda mill-għalliema waqt iż-żjara ta' xeni u attivitajiet li jkunu saru jgħinu lill-istudenti biex jiftakru u jesprimu ruħhom aħjar).

**3.2.1 Iwasslu fi kliemhom il-messaġġi li jisiltu mit-tagħrif, struzzjonijiet u direzzjonijiet li jkunu ġabru mis-smigħ.**

**Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu.**

- taħriġ li jistgħu jwettqu l-għalliema mat-tfal waqt u/jew wara ż-żjara (tgħin ukoll sabiex l-istudenti jinżammu attenti għal dak li l-field-teacher ikun qiegħed jispjega).

**3.4.2 Juru l-ħila li jfasslu bejn tliet u ħames mistoqsijiet lil xi ħaddiema/professjonisti dwar xogħolhom**

- il-mistoqsijiet jistgħu jsiru lill-gwardjan tar-riserva naturali tas-Simar dwar il-ħidma varjata tiegħu.

**3.4.2 Juru li jafu jiktbu dwar il-karatteristiċi fl-ambjent naturali abbinati mal-istaġuni, ix-xhur u d-differenzi klimatiċi.**

- tagħrif dwar dawn l-aspetti jingħata mill-field-teacher waqt iż-żjara, filwaqt li l-istudenti jkunu jistgħu josservaw in situ dak li jkunu għadhom kif tgħallmu



*L-osservazzjoni tan-natura tgħin l-istudenti jiksbu tagħrif ġdid dwar l-ambjent ta' madwarhom*

## RABTIET MA' 'DINJA WAĦDA', IL-PROGRAMM TA' EDUKAZZJONI AMBJENTALI

**3.1.1 Jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni kull kmand, struzzjoni, direzzjoni u tagħrif biex jattivaw kemm il-moħħ kif ukoll il-ġisem.**

- Spiċċaw bla dar (logħba edukattiva)
- Għasafar madwarna (logħba edukattiva)
- Ktajjen fil-baħar (sensiela ta' struzzjonijiet sempliċi biex tinbena katina tal-ikel)

**3.1.1 Jgħidu fi kliemhom u fil-qosor l-istejjer u tagħrif ieħor mislut minn dak kollu li jkunu semgħu.**

- Dawra mas-siġar

**3.2.5 Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti importanti minn dak li jkunu semgħu jew segwew.**

- Int kif taħsibha? (intervisti/stħarriġ imwettqa bejn l-istudenti)

**3.4.1 Jaslu biex jiktbu forom ta' rapporti qsar dwar avvenimenti/ġrajjiet li jkunu semgħu, raw jew qraw bl-użu ta' forom lingwistiċi.**

- Int kif taħsibha?
- Il-Ħabbarin
- X'tgħid it-tabella



*Tfal tal-Iskola Primarja tal-Marsa waqt il-logħba 'Vanishing Homes'*

## ŻJARAT F'RISERVI NATURALI U NĦAWI TA' VALUR EKOLOĠIKU

**4.2 Taħdit**

**4.2.1 Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw.**
**Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar esperjenzi, għajdut u ġrajjiet attwali.**

- dan isir permezz ta' mistoqsijiet mill-field-teacher (u l-għalliem/a tal-klassi) waqt iż-żjara. Jista' jsir ukoll fil-klassi wara ż-żjara mill-għalliem/a fil-klassi. Ritratti meħudin mill-istudenti u/jew mill-għalliem/a jgħinu lill-istudenti jiftakru aħjar dak li jkunu raw u għamlu waqt iż-żjara.

**4.2.3 Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi stħarriġ, riċerki jew intervisti.**

- Bi ftit tal-preparazzjoni, l-għalliema jistgħu jħejju l-istudenti tagħhom biex iwettqu stħarriġ, riċerki jew intervisti waqt iż-żjara tagħhom. BirdLife Malta ppubblikat fuljetti informattivi dwar is-siti li topera fihom, filwaqt li s-sit elettroniku qiegħed jiġi aġġornat. Tagħrif dwar ir-riserva naturali tas-Simar u l-Għolja tax-Xemxija jista' jinkiseb ukoll mill-Fronter room 'Ir-Riserva Naturali tas-Simar'. L-għalliema jistgħu wkoll iżuru r-riservi fi tmiem il-ġimgħa biex jippjanaw aħjar dan it-taħriġ.

*Ġranet u ħinijiet tal-ftuħ*
*L-Għadira – nhar ta' Sibt u Ħadd mill-bidu ta' Novembru sal-aħħar ta' Mejju bejn l-10.00am u l-4.00pm*
*Is-Simar – nhar ta' Ħadd mill-bidu ta' Novembru sal-aħħar ta' Mejju bejn l-10.00am u l-4.00pm*

**4.2.3 Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista dwar tema/ attività kurrenti jew dwar esperjenzi.**

- L-għalliema jistgħu jieħdu notamenti qosra dwar dak li jkun qiegħed jiġi spjegat waqt iż-żjara, sabiex isaqsuhom aktar tard lill-istudenti.

# Ir-Raba' Sena

## RABTIET MA' 'DINJA WAĦDA', IL-PROGRAMM TA' EDUKAZZJONI AMBJENTALI

**4.1 Smigħ**

**4.1.1 Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku.**

Għadd ta' attivitajiet jinkludu element ta' logħob edukattiv li jsaħħaħ il-messaġġ/għarfien akkwistat. Il-mod ta' kif l-istudenti jaġixxu waqt il-logħob jindika kemm fehmu l-istruzzjonijiet tal-għalliem/a u kemm fehmu t-tagħrif miksub mill-attività.

**4.1.2 Juru li kapaċi jbassru konklużjonijiet ta' stejjer.**

- Il-vjaġġ tal-Ħuttaf (attività dwar dak li jgħaddu minnu l-għasafar waqt il-passa, u li tista' tiġi segwita billi t-tfal ibassru dak li jgħaddu minnu l-għasafar fi tmiem il-vjaġġ).

**4.2.1 Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw.**

**4.2.3 Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista dwar tema/ attività kurrenti jew dwar esperjenzi.**

- Ħarġa fil-kampanja (ara suġġeriment 4.2.3 aktar `il fuq)
- Il-Ħabbarin

**4.2.5 Juru li kapaċi jirrakkontaw fi kliemhom u fil-qosor punti importanti ta' dak li jkunu semgħu jew segwew.**

Bosta mill-attivitajiet tal-programm edukattiv 'Dinja Waħda' jinkludu tagħrif li jingħata permezz tal-fomm, powerpoints jew mezzi elettroniċi jew viżivi. Huwa important li l-istudenti ma jibqgħux passivi imma jieħdu sehem billi jżidu mat-tagħrif, isaqsu jew jiġu mistoqsija mill-għalliem/a dwar dak li jkunu tgħallmu.

Fost l-attivitajiet li fihom jingħata tagħrif insibu:

- Ħarġa fil-kampanja
- Spiċċaw bla dar
- Dawra mas-siġar
- Naturalment
- Ħelu Pitirross
- Aqta' x'jisimni




*Waqt sessjoni ta'* ***Naturalment*** *fi skola primarja*

**4.4 Kitba**

**4.4.1 Juru li kapaċi jiktbu serje ta’ sentenzi/paragrafi mqanqla minn stampa/i anke fejn ikunu mħajra jbassru t-tmiem.**

- Il-vjaġġ tal-Ħuttaf (ara spjega taħt 4.1.2 f’din it-taqsima)

**4.4.2 Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f’kapxin, fi slowgan, f’reklam, jew f’avviż ma’ ritratti, tpinġijiet jew karikaturi.**

- Klikk!




*Wirja ta’ ritratti dwar in-natura meħudin mill-istudenti*

# Il-Ħames Sena

## ŻJARAT F'RISERVI NATURALI U NĦAWI TA' VALUR EKOLOĠIKU

**5.2 Taħdit**

**5.2.1 Juru l-ħila li jitkellmu dwar x'semgħu, x'raw u xi qraw b'mod sekwenzjali.**
**Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar esperjenzi, għajdut u ġrajjiet attwali.**

- l-istess bħal 4.2.1 aktar `il fuq



*Studenti jesploraw l-ambjent naturali fir-riserva naturali tas-Simar*

# Il-Ħames Sena

## RABTIET MA' 'DINJA WAĦDA', IL-PROGRAMM TA' EDUKAZZJONI AMBJENTALI

**5.1 Smigħ**

**5.1.1 Juru li fehmu tagħrif minn testi varji li jqanqlu taħriġ kemm prattiku, fiżiku u akkademiku.**

**L-istess bħal 4.1.1 aktar `il fuq.**

**5.2 Taħdit**

**5.2.2 Jitkellmu billi jwieġbu waqt intervista/i minn sħabhom stess dwar tema/attività kurrenti jew esperjenzi personali.**

- **Int kif taħsibha?**

**5.2.2 Jitkellmu billi jagħmlu mistoqsijiet f'xi stħarriġ, riċerki jew intervisti barra mill-klassi taħt il-gwida tal-għalliem/a**

**It-tagħlim miksub minn għadd ta' attivitajiet jista' jintuża biex jitwettqu stħarriġ u intervisti dwar temi differenti fosthom:**

- **Il-qerda tal-ambjenti naturali (Vanishing homes)**
- **L-importanza tas-siġar (Trees are cool)**
- **Siti ta' Natura 2000 qrib il-lokalità tagħhom (Somewhere special)**

**5.4 Kitba**

**5.4.2 Juru li kapaċi jiktbu messaġġ f'kapxin, fi slowgan, f'reklam, jew f'avviż ma' ritratti, tpinġijiet jew karikaturi.**

- **Inwegħdek (il-messaġġ fil-kartolina jista' jinkiteb mit-tfal flok jintuża dak ipprovdut fit-template)**
- **Klikk!**



# Is-Sitt Sena

## ŻJARAT F'RISERVI NATURALI U NĦAWI TA' VALUR EKOLOĠIKU

**Taħdit**

**6.2.1 Juru l-ħila li jafu jagħtu tagħrifiet diretti u qosra dwar l-esperjenzi, għajdut u ġrajjiet attwali.**

**- it-tfal jistgħu jintalbu mill-għalliem/a tagħhom biex jiġbru fi kliemhom xi aspett li jkun tkellem dwaru l-field-teacher waqt iż-żjara.**

**6.2.2 Juru li kapaċi jikkummentaw b'loġika u b'mod koerenti favur jew kontra l-ideat tal-oħrajn u billi juru li huma konxji mill-ħsibijiet/fehmiet jew sentimenti tal-oħrajn.**

**- l-istudenti jiġu ppreżentati b'każ ipotetiku marbut mas-sit (eż. dwar jekk it-tfal għandhom jitħallew iduru bir-roti f'riserva naturali) u jintalbu jikkumentaw favur jew kontra l-każ.**

**Kitba**

**6.4.3 Juru li kapaċi jiktbu avviżi, proċessi, tagħrif għal xi brochures, artikli, intervisti u rapporti dwar avvenimenti anke megħjuna minn ideat u grafika mill-Internet.**

**- dan it-taħriġ jista' jsir fil-klassi jew id-dar bit-tagħrif miġbur u r-ritratti meħudin mit-tfal waqt iż-żjara**



*Studenti jesploraw l-ambjent naturali fuq l-Għolja tax-Xemxija*

# Is-Sitt Sena

## RABTIET MA' 'DINJA WAĦDA', IL-PROGRAMM TA' EDUKAZZJONI AMBJENTALI

**Smigħ**

**6.1.2 Jisimgħu taħdita, lekċer, diskussjoni, eċċ., u jieħdu notamenti li jservu għal taħdit personali aktar 'il quddiem.**

- **Naturalment**

**Kitba**

**6.4.3 Juru li kapaċi jimlew formoli t'applikazzjoni jew ta' xi eżerċizzju ta' servej b'informazzjoni personali u b'kummenti qsar dwar attivitajiet personali, namriet u ħajriet (speċi ta' CV).**

- **Int kif taħsibha?**



**Appendiċi**

Lista ta' attivitajiet fil-programm edukattiv 'Dinja Waħda'.

| | |
|---|---|
| Ħarġa fil-kampanja | Nature watch |
| Spiċċaw bla dar | Vanishing homes |
| Ħitan tas-sejjieħ | The Wall |
| Dawra mas-siġar | Trees are Cool |
| Naturalment | Green Talk |
| Fil-ħamrija | Minibeast magic |
| Taħt wiċċ l-ilma | Something fishy |
| Faddal għall-Foresta | Foster a forest |
| X'imkien speċjali | Somewhere special |
| Ferfer, farfett, ferfer | In  a flutter |
| Ħelu Pitirross | Round robin |
| Għasafar madwarna | Birds I view |
| Aqta' x'jisimni | Flower detective |
| Ħbieb tal-qalb | My special friend |
| Il-vjaġġ tal-Ħuttaf | Out of Africa |
| X'tgħid it-tabella | All on Board |
| Inwegħdek | I promise |
| Ktajjen fil-baħar | Sea chains |
| Int kif taħsibha? | Nature quest |
| Il-Ħabbarin | Junior Journalist |
| Klikk! | Picture it |
| Imxi għan-Natura | Walk for Nature |
| L-Għasfur tal-Bejt | Sparrow in a spot |
| Fiks fl-inkwiet | Fiks in trouble |
| Nemla wara l-oħra | f-ant-astik |
| Idħol magħna | Join the Klabb |
| F'idejkom! | Up to you |